MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tas-6 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 2549/2002

***GasanMamo Insurance Agency Limited***

***vs***

***Claude Muscat***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta’ Ottubru, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mitejn u disa’ u sebghin lira Maltin u disgha u hamsin centezmu (Lm279.59c) rappresentanti prezz ta’ premia fuq poloz ta’ l-assikurazzjoni mahruga mis-socjeta’ attrici ad inkarigu tal-konvenut u mhux imhallsa u dana kif jirrizulta mill-istatement anness ma’ l-avviz u mmarkat bhala Dokument A.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra legali tat-22 ta’ Marzu 2002, esibita u mmarkata bhala Dokument B, u bl-

imghaxijiet legali mid-data ta’ l-ahhar invoice kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa’ ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ l-avukat Dr. Michael Zammit Maempel ghan-nom tas-socjeta’ attrici, li kkonferma bil-gurament illi ghalkemm il-konvenut ghandu fil-fatt ihallas s-somma ta’ mitejn u sebgha u disghin lira Maltin u disgha u hamsin centezmu (Lm297.59c) u dana kif jirrizulta mill-istatement esibit u mmarkat bhala Dokument A, huwa fil-fatt iddikjara illi s-socjeta’ attrici qieghda titlob il-hlas ta’ l-ammont ta’ mitejn u disgha u sebghin lira Maltin u disgha u hamsin centezmu (Lm279.59) u dana kif jirrizulta mill-avviz, liema ammont ghadu dovut mill-konvenut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mitejn u disgha u sebghin lira Maltin u disgha u hamsin centezmu (Lm279.59c), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra legali tat-22 ta’ Marzu 2002, esibita bhala Dokument B ma’ l-avviz, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**

---------------------------------TMIEM---------------------------------